Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 18- It-Tlieta 10 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020 fl-16:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

18.1 Talba

18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**18.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

18.3.1 Ma kienx hemm ittri ta'apologija.

**18.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

18.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għaċ-ċerimonja tal-vittmi tal-gwerra bħala attivita' li bil-limiti tagħha minħabba ċ-ċirkustanzi, irnexxiet u kienet attivita' sabiħa ħafna li bħas-soltu kienet tinkludi f'quddiesa, tqegħid ta' kuruni, daqq tal-fanfarra u żjara mill-Kunsilliera liċ-Ċimiterju.

18.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall- Halloween u għal fatt li din is-sena kien limitat ħafna mill-attivitajiet irnexxielna noħolqu attivita' tajba li ntlaqgħet pero' ntlaqa' tajjeb xorta waħda. Dan kien jikkonsisti billi tajna ftit ħelu lit-tfal tal-iskola waqt il-ħrug tagħhom mill-iskola u libbisna kostum tal-halloween lill-ħaddiema tagħna. Bħala tiżjin li kien wieħed sabiħ ħafna, sar mill-ħaddiem tagħna Josef Camilleri.

18.4.3 Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' Jum Ghawdex u li huwa attenda għaliha bħala Sindku billi ha sehem fil-quddiesa u ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ghawdex. Huwa spjega kif Ġieh Għawdex din is-sena ngħata lil Onor Justyne Caruana u Onor Chris Said u li minkejja li kienet ċerimonja limitata, kienet waħda ħelwa ħafna.

18.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għas-seminar li ser isir għal-Kunsilli li ħadu sehem fil-Go Slow campaign u li ser isiru fis-sala tal-Kunsill tagħna. Huwa spjega li ser jippreżentawlna l-proġett u naraw x'nistgħu nimplimentaw u nimmodifikaw kif meħtieġ għal ħtiġijiet tagħna. Is-Sindku fisser kif l-għan ta' dan l-istudju huwa li bil-mod indarru lin-nies inaqqsu l-użu tal-karozzi u jgawdu l-open space tagħna.

18.4.5 Is-Sindku rrefera wkoll għas-sottomissjoniet tal-applikazzjonijiet tal-European Mobility Week fejn applikajna għall-automated bollard fi Triq J F de Chambray u kif ukoll għall-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dik tal-aċċessibilita' li għaliha applikajna għall-platforms fix-Xatt l-Aħmar u boat mooring.

18.4.6 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni tal-progett Interreg Italia Malta u li minnu l-Kunsill ser jibbenifika l-ammont ta' €322,000 li ser jissarfu fi studji u training. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din l-approvazzjoni li żgur ser tkun ta' benefiċċju għal-lokal.

18.4.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgha li kellu ma' Sports Ghawdex rigward it-trakka tal-BMX. Rigward il-lezzjonijiet qed ikun hemm żewġ sezzjonijiet minħabba l-konkorrenza tajba li qed ikun hemm. Huwa propona li huwa ż-żmien opportun li nibdew diskussjonijiet sabiex insibu post permanenti. Huwa rrefera wkoll għall-ħtiega ta' container antik sabiex jintuża għall-ġbir tal-apparat li jintuża fit-trakka biex ma joqgħodux iġorruh u jarmawh kull darba. Il-kunsill qabel li għandu jara jsibx jixtri wieħed bi prezz vantaġjuż.

18.4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-ġbir tal-iskart fix-Xatt. Il-Kunsill qed jiġbor statistika ta' kemm qed jintefqu flus minn kull stabiliment fejn jirrigwardja ġbir ta' skart.

## 18.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

18.5.1 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-trakka tal-BMX li jinħtigilha dawl aħjar peress li issa beda jidlam kmieni. Is-Sindku Kevin Cauchi wieġbu li jinħtieġ li jew ninvestu f'żewġ floodlight jew nitolbu lil ta' Ghajnsielem Football Club jipprovdulna flood light minn naħa tagħhom u nħallsu l-kont tad-dawl. Sar qbil li għandna niċċkejaw kemm jiġihom il-kont biex naraw x'jaqbel.

18.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar dak il-blat li kien waqa' bil-maltemp. Is-Sindku wieġbu li għad ma għandna l-ebda tip ta' risposta u li rridu nkomplu niffolowjaw il-każ.

18.5.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa kif hemm sellum nieqes fiż-Żewwieqa u staqsa kif qalgħu wieħed biss. Is-Segretarja wieġbet li se jibqa wieħed permanenti għax-xhur tax-xitwa.

18.5.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk konniex ressaqna t-talba sabiex tiżdied il- platform fiż-Żewwieqa. Is- Sindku wiegeb li għandna ma tlabniex qabel ma jsiru platforms l-oħrajn li għandna talbiet fuqhom sabiex isiru ġodda .

18.5.5 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex inresqu t-talba sabiex il-bajja taż-Żewwieqa titnaddaf mil-ġebel.

18.5.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar f'liema stadju wasal il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ taħt il-miżura 4.4 u dwar it-talba li għamilna sabiex is-savings jintużaw f'aktar bini ta' ħitan . Is-Sindku spjegalu kif aktar tard fl-agenda ser jaghti update dwar il-proġetti tal-Mizura 4.3 u 4.4.

18.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex meta jsir iċ-Ċentru tal-Komunita' issir trakka tal-BMX fuq il-bejt. Is-Sindku wieġeb li sabiex dak il-proġett jitlesta' ser jieħu s-snin u għalhekk ma nistghux nibqgħu mingħajrha. Huwa rrefera għall-sit identifikat mill-Ministeru għal Għawdex li jinsab qrib il-Heliport. Hemm ukoll il-possibilita' li ssir fil-ġnien tal-MCAST. Sar qbil li għandna nkomplu bid-diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex fuq dan ir-rigward.

18.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-fatt li parti minn Triq il-Provigarju hija mudlama ħafna u dwar il-possibilita' li nżidu lampa. Il-kunsill qabel ma' dan.

18.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li noħolqu attivita' sabiex inferrħu lir-raħal billi nduru madwar it-toroq tagħna permezz tat-train b' Santa Claus billi din tkun imżejna u anke inlibsu lil xi ħadd permezz ta' kostumi ta' Santa Claus u nagħmlu ftit ħoss mat-toroq ta' Għajsnsielem permezz ta' kant u daqq minn fuqha. Il-kunsill qabel ma' l-idea u l-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll li tista ssir bil-karettun biex ikun jista jgħaddi jdur minn toroq dojoq. Il-kunsill qabel li din l-attivita' għandna naqsmuha fuq jumejn fejn darba ssir biż-żiemel u darba bit-train biex b'hekk żgur li nilħqu l-lokal kollu u lil kulħadd.

18.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba propona fi Triq iż-Żewwieqa nagħmlu sign ta' Merry Christmas. Sar qbil li għandna ngħaddu l-kuncett lid-Direttur tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

18.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ta update tas-siġra tal-Milied. Huwa spjega li s'issa nxtara l-ħadid u materjal meħtieg. Ix-xogħol tal-ħadid li qed isir mill-familja Buttigieg inbeda u peress li fil-pjazza hemm hafna diżlivelli ser ikollhom jiżdiedu xi channels tal-ħadid u wkoll jinġiebu xi blokok tal-konkos. Huwa spjega kif is-siġra ser issir fin-nofs u kemmxejn għal ġenb. Ser tkun fuq qasrija u l-għoli ser ikun madwar 60pied. L-istruttura tal-base ser issir nhar is-Sibt u ser tkun tista tiżżarma faċilment biex terġa tintrama u anze biex nerfgħuha fl-istore. Huwa spjega

kif ser ikun diversi drabi li ninħtieġu s-servizz ta' crane u cherry picker kif ukoll ser nużaw dak tal-Għaqda tal-Armar. Rigward id-dawl il-Viċi Sindku talab xi stimi iżda s'issa ħadd ma wieġbu. Sar qbil li għandna niġbru xi stimi oħra.

## 18.6 Korrispondenza

18.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'ngħaddu fil-laqgħa.

## 18.7 Milied 2020 (Tiżjin u Attivitajiet)

18.7.1 Is-Sindku spjega kif din is-sena apparti s-Siġra tal-Milied li ser isservi ta' attrazzjoni ġdida u unika, bħas-soltu ħriġna quotation online għat-tiżjin tal-Milied iżda ma tefagħha ħadd. Għalhekk ġew ikkuntatjati xi suppliers u wara ħafna sforzi aċċettaw li ser jinqasam ix-xogħol. Sar qbil għalhekk li D Illuminations ser jagħmel il-motifs tat-toroq bħas-soltu u Joe Cutajar ser jagħmel xi dwal mas-siġar , bħalma huwa ġnien il-Kunsill, Pjazza tad-Dehra u Pjazza Indipendenza, Pjazza Tolfa u festun ieħor f'Belvedere Hamri. Is-Sindku spjega kif il-ħaddiem tagħna Josef Camilleri qed jagħmel xi tiżjin fosthom xi blalen.

18.7.2 Bħala attivitajiet tal-Milied minkejja ċ-ċirkustanzi u r-restrizzjonijiet relatati mal-Covid 19, il-Kunsill raha kif xorta waħda jagħmel xi attivitajiet u jieħu inkonsiderazzjoni l-miżuri meħtiega. Bħala attivita' li l-Kunsill diġa qabel fuqha hija li norganizzaw train u żiemel li jduru u jferrħu in-nies mat-toroq t'Għajnsielem. Il-kunsillier Larry Buttigieg issugerixxa li sabiex inqajjmu atmosfera ta' ferħ il-kunsilliera u staff għandhom jilbsu ta' Father Christmas u jakkumpanjaw it-train.

18.7.3 Is-Sindku propona wkoll li għandha ssir attivita' għat-tfal billi jitqassmilhom xi ħelu huma u ħergin mill-iskola fl-aħħar ġurnata tal-iskola. Huwa propona wkoll li għandna nagħmlu kampanja ta' "Zjara minn wara t-Tieqa" għall-anzjani tagħna filwaqt li nwasslulhom tifkira tal-Milied. Sar qbil li din l-attivita' għandna niftuha għall-anzjani minn-75 sena 'l fuq.

18.7.4 Sar qbil ukoll li għandha tinżamm il-Kompetizzjoni tal-isbaħ Christmas Card magħmula mit-tfal tal-iskola primarja bħas-snin ta' qabel u mbagħad il-kartolina tar-rebbieħa tiġi printjata u titqassam f'kull dar f'Għajnsielem . Sar ukoll qbil li għandha tinżamm kompetizzjoni bi premju għall-isbaħ faċċata, presepju żgħir u kbir u l-isbaħ tieqa.

## 18.8 Ġieħ Għajnsielem

18.8.1 Is-Sindku spjega kif normalment f'dan iż-żmien niltaqgħu u kull kunsillier jipprovdi żewġ nomini u nivvutaw fuqhom. Hu propona li għalkemm kontra l-prinċipju tiegħu stess, jipproponi persunawaħda għal dan il-premju anke għal fatt li qatt ma ħa premju xi ħadd mill-Mużew. Huwa għalhekk propona li din is-sena l-premju jingħata lil Loreto Xuereb għal ġid li għamel fil-Mużew kemm dak ta'

Għajnsielem kif ukoll dawk ta' rħula oħra. Il-Kunsill qabel unanimimanet ma' din il-proposta peress li Loretu tassew jimmerita dan il-Ġieħ.. Is-Sindku propona li bħala attivita' ssir fuq skala żgħira ħafna u mingħajr riċeviment. Sar qbil li għandna nippruvaw inżommu iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju fil-Mużew stess.

## 18.9 Aġġornament proġetti Miżuri 4.3 u 4.4

18.9.1 Is-Sindku rrefera għall-laqgħa online li kellna mal-Arpa dwar it-talba ta' Change Request li ghamilna sabiex is-savings li għandna fil-Miżura 4.4 li ma ntużawx fuq l-arkata, jintużaw f'aktar ħitan tas-sejjieħ. L-ARPA taqbel fuq il-principju tat-talbiet tagħna iżda għad mhumiex approvati uffiċjalment. Is-Sindku rrefera għal xi problemi fosthom il-Plastic aħdar ta' Triq ix-Xatt l-Aħmar peress li spiċċa iżda peress li dan sar bħala kundizzjoni mplikata mill-Planning Authority ghalissa ma jistax jinbidel. Is-Sindku rrefera għax-xogħol tal-ħitan tas-sejjieħ u mill-kalkoli tax-xogħolijiet mwettqa s'issa rriżulta li ma qbiżniex il-15%contingency. Huwa spjega kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, komplejna għaddejjin billi fejn kien hemm maqbuż fuq is-siteplan sar biex ikun proġett komplet u jitħallsu mill-finanzi tal-Kunsill. Huwa spjega kif l-Arpa qed jgħidulna li ma nistgħux inżidu fit-tul aktar milli jidher fuq is-siteplan oriġinali iżda nistgħu nżidu fl-għoli. Kien hemm ukoll xi tnaqqis ta' siti fosthom f'Sant Eliju li ddeċidejna li ser isir bir-railing tal-injam minflok. Tnaqqsu ukoll xi fethiet li saru fl-għelieqi li għandhom jittieħdu i konsiderazzjoni.

18.9.2 Sar qbil li f'dan l-istadju bħala Kunsill għandna nistennew l-approval imbad filkaż innaqsu billi nitfgħu Change Request oħra.

## 18.10 Update fuq Proġetti

18.10.1 Is-Sindku rrefera għar-riżultat tal-proġett LEADER tal-GAGF fejn il-progett tagħna tal-Għajnsielem Learning Garden ikkwalifika fl-ewwel post. Huwa spjega kif issa jonqos l-approvazzjoni tal-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex inkunu nistghu niffirmaw l-Agreement.

18.10.2 Is-Sindku rrefera wkoll b'sodisfazzjoni għall-approvazzjoni tad-DNO tal-proġett tal-Embellishment tal-Pjazza Tolfa. Huwa spjega kif issa li t-tender document huwa lest nistghu nippublikawh għall-pubbliku . Sadinattant inkomplu naħdmu sabiex tinġab il-ġebla minn Tolfa.

18.10.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-taraġ li minn Triq Hamri tagħti għall-Triq Sant'Antnin. Huwa għamel referenza għall-fetħa li hemm qabel jibda t-taraġ minn naħa ta' Triq Hamri li tinħtieġ titranġa. Sar qbil li għandna nagħmluha printed cement.

18.10.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett tal-Mosaic ta' Triq Żewwieqa. Huwa spjega kif id-dgħajsa ser tiġi ma' ġenb is-siġra mhux madwarha. Ir-raguni hi li jekk titqaċċat is-siġra ma tagħmilx ħsara lid-dgħajsa. Ġew trattati l-ħtieġa tad-double yellow lines biex ikun hemm traffic management aħjar f'dan il-post.

18.10.5 Is-Sindku rrefera għall-Playing Field Amabile Cauchi u li qiegħed f'diskussjonijiet mal-Perit tal-proġett Godwin Sultana sabiex nissottomettu l-proġett quddiem mal-EcoGħawdex għall-approvazzjoni finanzjarja tiegħu. Sar qbil li għandna nħejju l-pjanti kollha meħtieġa u l-BOQ relatat.

**18.11 Proġett Interreg Italia Malta**

18.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir inħabbru li l-Kunsill tagħna ser jibbenifikaw minn dan il-proġett tal-Interreg Italia Malta. Minn dan il-proġett il-Kunsill ser jikkwalifa madwar €322,000 li l-parti l-kbira minnhom ser jintefqu fi studji u educational training rigward il-biomarine u l-kosta. Dawn l-istudji jistgħu jifthu opportunitajiet għall-applikazzjoniet oħra tal-Unjoni Ewropea.

**18.12 Approvazzjoni tal-Evaluation Report tal-Irrigation System**

18.12.1 Is-Segretarja rreferiet għar-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni tat-tender tal-Irrigation. Għal din l-offerta ntefgħu dawn l-offerti:-

- The A Parks Ltd għall-prezz ta' €26347.00
- Richard Cauchi għall-prezz ta' €11,984.00
- Callus Garden Centre għall-prezz ta' €15,780.54
- Environmental Lands Consortium Ltd għall-prezz ta' €13,844.30

18.12.2 Il-Bord irrakkomda li wara li evalwa l-offerti mitfugħa, l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos offerta kompatibbli, dik ta' Richard Cauchi għall-prezz ta' €11,984. Il-Kunsill qabel mar-rakkommandazzjoni tal-Bord.

**18.13 Materji oħra**

18.13.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħtieġa urġenti sabiex isir tindif f'Ta Passi.

18.13.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca fakkar fil-ħtieġa urġenti li tinħareg it-tender tal-patching. Is-Sindku wieġbu li qed nistennew lil Perit jippreparalna d-dokument.

18.13.3 Is-Segretarja preżentat il-kontijiet mill-kuntrattur Joe Grima għall-manutenzjoni ntensiva li saret fil-Pjazza tad-Dehra. Irriżulta li kien hemm ħafna xogħol ħażin mill-kuntratturi l-oħra u fil-passat saret certifikazzjoni ta' xogħolijiet ħziena. Il-Kunsill approva l-kontijiet u sar qbil li għandu jibda jħallas minnhom.

18.13.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir biċċa triq bil-konkos fejn l-Impjant ta' Ras il-Hobż. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

## 18.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Ezekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 18.15 Tmiem il-laqgħa

18.15.1 Il-laqgha intemmet fit-7:00pm u giet aggornata minghajr data għal-laqgħa li jmiss.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**